*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 2

It-Tnejn 22 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 7:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Viċi Sindku
Neil Portelli - Kunsillier
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace - Kunsillier
Ismael Dalli - Kunsillier
Anabelle Marmara' - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **2.1** | **Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji** |
| 2.1.1 | Ma kienx hemm imma l-laqgha tal-Kunsill bdiet fis-7:30 ghax ma’ kien hemm *Quorum*. |
| **2.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 2.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 1 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 2.2.2 | Is-Sa Darlene Vella Zammit pproponiet u s-Sur Neil Portelli ssekonda l-minuti tas-Seduta 1 u ġew approvati b’votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **2.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 2.3.1 | Ma kienx hemm. |
| **2.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 2.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **2.5** | **Rapporti** |
| 2.5.1 | - Il-Kunsilliera gew mitluba l-approvazzjoni taghom sabiex is-Sindku flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv ikunu l-firmatarji l-godda tal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Tarxien hekk kif mitlub bil-ligi.<br><br>- Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infoma lill-Kunsilliera prezenti li kien ivverfiika ma’ l-Awtorita ta’ l-Ippjanar bl-ammont totali tad-DPF li jista’ jaghmel uzu minnhom il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Tarxien.<br><br>- Permezz ta’ korrispondenza datata 4 ta’ Lulju 2019 mingħand il-Ministeru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali l-Kunsill gie infurmat sabiex jippartecipa fil-*Pink October*. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jippartecipa u ghandhom jinxtghelu l-Binja tal-Kunsill flimkien ma’ *Villa Le Fevre*. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | - Permezz ta' Cirkolari *SPI /SCI/*12/2019 datata 5 ta' Lulju 2019 mibghuta mid-Direttorat ghall-Gvern Lokali, Strategija u Implimentazzjoni ta' *Policy* il-Kunsill gie nfurmat bi Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storici f'Malta. Wara diskussjoni libera u suggerimenti bejn il-Kunsilliera gie deciz li l-Kunsill ghandu jirranga il-faccata ta' San Guzepp tas-Sorijiet bi qbil u approvazzjoni maghhom.<br><br>- Permezz ta' Cirkolari 14/2019 datata 17 ta' Lulju 2019 mibghuta mid-Divizjoni ghall-Gvern Lokali, il-Kunsill gie nfurmat biz-zieda ta' Onorarja u *Allowances*.<br><br>- Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsilliera li jrid jibda' l-Ippjanar tal- Pjan ta' Hidma 2019 – 2024 hekk kif mitlub bil-ligi sabiex ikunu jistghu jsiru diskussjonijiet ma' l-*Accountant* jekk hux vijabbli finanzjarment u wara li jkun komplut tkun tista' tinzamm il-laqgha ghall-pubbliku.<br><br>- Permezz ta' Cirkolari 2019/038 mibhuta mill-Assocjazzjoni tal-Kunsill Lokali datata 5 ta' April 2019 il-Kunsill gie nfurmat bil-*Malta Pride initiative* 2019. Wara dskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li ghandhom jinzebghu zewg *Zebra Crossings* ikkuluriti wahda Triq Palma u l-ohra Triq Luqa. |
| **2.6** | **Mozzjonijiet** |
| 2.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **2.7** | ***Board* tal-Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv** |
| 2.7.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera prezenti rigward l-urgenza sabiex jinhatar *Board* tal-hatra tas-Segretarju Ezekuttiv ghall-Kunsill Lokali. Is-Sur Joseph Abela Galea nforma l-Kunsill li mhux se jkun parti mil-board tal-hatra ghar-raguni li hu kien jaf lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv u ma riedx li jkun hemm konflitt ta' nteress jekk hi tiddeciedi li thalli l-applikazzjoni tal-Vakanza ghall- Segretarju Ezekuttiv. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ziedet tghid li lanqas hi ma kienet se taghmel parti mil-board tal-hatra sabiex zgur ma jkunx hemm konflitt ta' nteress anke jekk hi tirrinunsja l-applikazjoni taghha. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li ghall- *Board* tal-hatra ghandu jinhatar Segretarju Ezekuttiv indipendenti mill-Kunsill, persuna ta' fiducja li hadem mall-Kunsilli Lokali, il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit, il-Kunsillier Neil Portelli u l-Kunsillier Ismael Dalli. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 2.8 | Toroq Godda minn *Infrastructure* Malta |
| 2.8.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali li *Infrastructure* Malta se tkun qed tkompli l-hidma taghha fil-lokal ta' Ħal Tarxien permezz ta' implimentar ta' zewg toroq ohra li huma Triq is-Sorijiet u Triq Ħal Tarxien. |
| 2.9 | *Camera* ghall-indafa fil-Pjazza Barbara |
| 2.9.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera dwar l-importanza li tigi nstallata *Camera* fil-Pjazza Barbara dan ghaliex l-akwata spiccat *dumping zone.* Is-Sindku zied jghid li ghalkemm huwa flimkien mal-Kunsilliera kienu qablu li titwahhal din ma setghetx tiffunsjona qabel mad-DPO tal-Kunsill jibghat rapport lill-IDPC sabiex jigi verifikat hux permessibli jew le li tigi nstalata. Wara diskssjoni libera gie deciz li jigi nfurmat id-DPO tal-Kunsill sabiex isir ir-rapport necessarju ghall-permess tal-*Camera* f'din iz-zona. |
| 2.10 | Tindif hdejn lis-skola |
| 2.10.1 | Is- Sindku nforma lil-Kunsilliera dwar il-bzonn li jsir tindif fejn l-iskola mill-aktar fis possibli. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jkellem lid-Dipartiment tal-*Cleansing* sabiex jintalab bowzer u t-tindif isir mill-Haddiema Assenjati tal-Kunsill Lokali. |
| 2.11 | *Open Gym* Kurunell Mas |
| 2.11.1 | Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur li hadem fl-*Open Gym* ta' Kurunell Mas qed jistaqsi ghall-hlas dovut lilu tax-xahar ta' Gunju 2019. Wara diskussjoni libera gie deciz li s-sitwazzjoni se tigi osservata wara lis-Sindku u Deputat Segretarju Ezekuttiv ikunu firmatarji u jkollhom access ghall- *Bank Statements* u d-dokumenti necessarji. Il-Kunsill iddecieda wkoll li jistaqsi l-Awtorita tal-Ippjanar kienx hemm applikazzjoni ta' *Compliance* f'dan ir-rigward. |
| 2.12 | *Interim Audit* |
| 2.12.1 | Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera prezenti dwar il-bzonn li jsir *Audit* fil-Kunsill u spjega li dan obbligat bil-ligi meta jkun hemm tibdil ta' Segrtarju Ezekuttiv. Is-Segretarju Ezekutiv infurmat lil-Kunsilliera li dan l-*Audit* se jghin ukoll ghal fatt li hi qatt ma nghatat *hand-over* tax-xoghol minghand is-Segretarju Ezekuttiv precedenti. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-*Audit* ghandu jsir mill-aktar fis posibli. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **2.13** | **Rapporti tas-*Sotto* Kumitati** |
| 2.13.1 | Is-Sindku talab jekk kienx hemm xi Kunsillier li jrid jinforma l-Kunsill b'xi *Sotto* Kumitati. Il-Vici Sindku s- Sa Darlene Vella Galea prezentat zewg *Sotto* Kumitati, wiehed ghall-Anzjani u l-iehor fuq sahha. Is-Sur Joseph Abela Galea stieden lill-Kunsilliera sabiex jekk ihossu l-bzonn li jipprezentaw xi *Sotto* Kumitati jistghu jaghmlu dan mal-laqgha tal-Kunsill Lokali li jmiss. |
| **2.14** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 2.14.1 | Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa l-Kunsilliera li kien hemm tlitt *Tenders* li nghalqu fl-ahhar ta' Gunju 2019 u li huma tal-*Accountant*, Project Manager u Perit. Sa Emma Vella ziedet tghid li kienet qed tistenna l-*passwords* tal-ePPS taghha u tal-haddiema li jifthu t-*Tender* eletronikament. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jkun jaf is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu qabel ma jintrabat b'certu *Tenders* u jiddiskutui mad-Dipartiment. |
| **2.15** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 2.15.1 | Ma setghet tigi kkunsidrata u approvata l-ebda skeda ta' pagamenti ghar-raguni li s-Sindku u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv ma kienux ghadhom approvati bhala firmatarji tal-Kunsill Lokali. |
| **2.16** | **Tmiem tal-laqgha u data tas-Seduta li jmiss** |
| 2.16.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fid- 9:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 26 ta' Awissuu 2019 fis-7:00p.m. |

Konfermati, illum 22 ta' Lulju 2019.

IFFIRMATI
___________________
**Joseh Abela Galea**
Sindku

IFFIRMATI
___________________
**Emma Vella**
Deputat Segretarju Eżekuttiv